L.N. 72 ta' l-1999

ORDINANZA DWAR IT-TELEGRAFIJA MINGĦAJR FILI (KAP. 49)

Regolamenti ta' l-1999 dwar Ċertifikati ta' Operaturi tat-Telegrafija mingħajr Fili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Ordinanza dwar it-Telegrafija mingħajr Fili, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu ir-Regolamenti ta' l-1999 dwar Ċertifikati ta' Operaturi tat-Telegrafija mingħajr Fili. Titolu.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra – Tifsir.

"approvat" tfisser approvat mir-Reġistratur Ġenerali;

"Ċertifikat RT (VHF biss)" tfisser iċ-Ċertifikat ta' Radiotelefonija Ristrett (VHF biss);

"Ċertifikat GMDSS" tfisser -

(a) iċ-Ċertifikat GMDSS ta' Operatur Ġenerali; jew

(b) iċ-Ċertifikat GMDSS ta' Operatur Ristrett;

"dritt preskritt" tfisser id-dritt xieraq li jinsab preskritt fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"GMDSS" tfisser *Global Maritime Distress and Safety System*;

"il-Kodiċi STCW" tfisser il-Kodiċi dwar Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara, adottat mill-Konferenza ta' l-1995 ta' l-Imsieħba fil-Konvenzjoni STCW;

"Konvenzjoni STCW" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar *Standards* ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara, iffirmat f'Londra fis-7 ta' Lulju, 1978;

"l-Ordinanza" tfisser l-Ordinanza dwar it-Telegrafija mingħajr Fili; Kap. 49.

"Reġistratur Ġenerali" tfisser ir-Reġistratur Ġenerali tal-Bastimenti Merkantili u tal-Baħrin maħtur taħt l-artikolu 363 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili. Kap. 234.

(2) Kemm-il darba ma jkunx ġie mfisser xort'oħra fl-Att prinċipali, jew f'dawn ir-regolamenti, jew kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-

regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti lilhom fil-Konvenzjoni STCW.

(3) Kull referenza f'dawn ir-regolamenti għal xi konvenzjoni internazzjonali jew għal protokol jew kodiċi relatati magħha għandha tinkludi wkoll referenza għal kull emenda li tkun saret għall-imsemmija konvenzjoni, protokol jew kodici kif aċċettata mill-Gvern ta' Malta.

Kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' Ċertifikat GMDSS.

3. Persuna tikkwalifika biss għall-ħruġ ta' Ċertifikat GMDSS jekk dik il-persuna -

(a) tkun mill-inqas għalqet it-18 il-sena;

(b) tkun temmet l-edukazzjoni u t-taħriġ approvati;

(ċ) tilħaq b'mod approvat *standard* ta' kompetenza kif approvat fis-sezzjoni A-IV/2 tal-Kodici STCW; u

(d) tgħaddi minn eżami mediku u test tal-vista tal-għajnejn approvat li jkun jissodisfa *standards* approvati ta' eżami mediku u okulari għall-baħħara.

Kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' Ċertifikat RT (VHF biss).

4. Persuna tikkwalifika biss għall-ħruġ ta' Ċertifikat RT (VHF biss) jekk dik il-persuna -

(a) tkun mill-inqas għalqet is-16 il-sena; u

(b) turi b'mod approvat għarfien u fehma, kif ukoll proficjenza fis-suġġetti speċifikati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Applikazzjoni għal ċertifikazzjoni jew għal eżami.

5. Applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat jew endorsjar taħt dawn ir-regolamenti jew għalbiex persuna tagħmel eżami bil-għan ta' ċertifikazzjoni taħt dawn ir-regolamenti għandha ssir lir-Reġistratur Ġenerali fuq il-formola relattiva li tkun imsieħba bid-dritt preskritt u b'dawk id-dokumenti li r-Reġistratur Ġenerali jista' jeħtieġ, inkluża dikjarazzjoni li tkun se tinżamm is-segretezza għar-rigward ta' kull korrispondenza skond il-formola li hemm fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Eżaminaturi.

6. Dawk l-eżaminaturi li jmexxu eżamijiet skond ma hemm f'dawn ir-regolamenti għandhom jinħatru mir-Reġistratur Ġenerali minn fuq elenku approvat ta' persuni li jkollhom għarfien sew ta' bastimenti u ta' sikurezza fuq il-bahar u sitwazzjonijiet ta' tiftix u salvar, u li jkollhom iċ-Ċertifikat Ġenerali ta' Komunikazzjoni bir-Radju Fuq il-Baħar jew ċertifikat ekwivalenti, u li jew ikollhom iċ-Ċertifikat GMDSS ta' Operatur Ġenerali jew ikollhom, fil-fehma tar-Reġistratur Ġenerali, esperjenza konsiderevoli fil-komunikazzjoni bir-radju fuq il-baħar inkluża l-GMDSS.

Għarfien ta' ċertifikati GMDSS barranin.

7. (1) Ir-Reġistratur Ġenerali jista' jagħraf u jendorsja Ċertifikat GMDSS maħruġ minn jew taħt l-awtorità ta' xi Msieħeb ieħor fil-Konvenzjoni STCW jekk huwa jkun sodisfatt li l-ħtiġiet tal-Konvenzjoni

STCW li jirrigwardaw *standards* ta' taħriġ, kompetenza, ħruġ u endorsjar ta' ċertifikati u żamma ta' *records* ikunu qegħdin jiġu mħarsa għal kollox.

(2) M'għandux jingħata għarfien lil Ċertifikat GMDSS li jinħareġ minn jew taħt l-awtorità ta' min mhux Msieħeb fil-Konvenzjoni STCW.

Għarfien ta' ċertifikati RT (VHF biss).

8. Ir-Reġistratur Ġenerali jista' jagħraf u jendorsja Ċertifikat RT (VHF biss) maħruġ minn jew taħt l-awtorità ta' xi Gvern ieħor jekk ikun sodisfatt li l-ħtiġiet għall-ħruġ ta' dak iċ-ċertifikat ikunu ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti u li s-sistema ta' żamma ta' *records* li jkollha dik l-awtorità li toħroġ iċ-ċertifikat tkun, fil-fehma tar-Reġistratur Ġenerali, daqstant effiċjenti daqskemm tkun is-sistema ta' żamma ta' *records* li għandu jkun hemm skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) tar-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti.

Għamla, data u validità ta' ċertifikati u *endorsements*.

9. (1) Mal-ħlas tad-dritt preskritt, għandu jinħareġ mit-Reġistratur Ġenerali sew ċertifikat sew *endorsement* taħt dawn ir-regolamenti, u fuqu għandu jkun hemm id-data meta l-applikant ikun issodisfa l-ħtiġiet kollha stabbiliti b'dawn ir-regolamenti għall-ħruġ ta' dak iċ-ċertifikat jew *endorsement*, u fil-każ ta' ċertifikat jew *endorsement* GMDSS fl-għamla meħtieġa bis-sezzjoni A-1/2 tal-Kodici STCW.

(2) Ċertifikat jew *endorsement* GMDSS għandu jibqa' validu għal servizz li jingħata fuq il-baħar biss jekk -

(a) id-detentur jibqa' jħares *standards* approvati ta' saħħa fiżika u ta' kompetenza professjonali stipulati b'sezzjoni AI/11 tal-Kodiċi STCW; u

(b) dak iċ-ċertifikat jew *endorsement* jerġa' jiġi validat mill-ġdid f'intervalli ta' żmien ta' mhux iżjed minn ħames snin kull wieħed skond ma hemm fir-regolament I/11 tal-Konvenzjoni STCW.

(3) *Endorsement* jibqa' validu għal servizz fuq il-baħar biss jekk iċ-ċertifikat endorsjat ikun għadu validu u f'kull każ għal mhux iktar minn ħames snin mid-data tal-ħruġ meta dak l-*endorsement* jista' jerġa' jiġi validat mill-ġdid.

(4) Meta detentur ta' ċertifikat jinħariġlu Ċertifikat GMDSS ta' Operatur Ġenerali, huwa għandu jikkonsenja lura ċ-Ċertifikat ta' Operatur Ristrett lir-Registratur Ġenerali sabiex dan jiġi kanċellat.

Ċertifikati mitlufin jew mgħarrqin.

10. (1) Id-detentur ta' ċertifikat mitluf jew mgħarraq għandu kemm jista' jkun malajr javża b'dan lir-Reġistratur Ġenerali, u jekk ir-Reġistratur Ġenerali jkun tassew tal-fehma li dak iċ-ċertifikat ikun ġie mitluf jew mgħarraq, huwa għandu joħroġ kopja taċ-ċertifikat (hekk indikat) bi ħlas tad-dritt preskritt, u dik il-kopja taċ-ċertifikat għandu jkollha l-istess saħħ bħallikieku kienet iċ-ċertifikat oriġinali.

(2) Ċertifikat li jkun inġhata avviz dwaru bħala mitluf jew mgħarraq għandu, fil-każ li jerġa' jinsab, jiġi konsenjat minnufih mid-detentur lir-Registratur Ġenerali.

(3) Minbarra d-detentur tiegħu, kull min jiġi f'idejh xi ċertifikat jew *endorsement* maħruġ taħt dawn ir-regolamenti, għandu jikkonsenjah minnufih lir-Reġistratur Ġenerali.

Meta ċertifikat jiġi invalidat jew sospiż.

11. (1) Meta jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-Ministru li d-detentur ta' ċertifikat ikun xjentement jew bi traskuraġni naqas li jħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni Intenazzjonali dwar it-Telekomunikazzjoni kif tkun fis-seħħ jew ta' xi regolamenti annessi magħha jew li jitqiesu bħala li huma annessi magħha, jew xi regolamenti magħmulin taħt l-Ordinanza jew taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, iċ-ċertifikat jista' jiġi invalidat jew sospiż.

(2) Ċertifikat jew *endorsement* li jkun gie invalidat, sospiż jew kanċellat għandu jiġi konsenjat minnufih lir-Reġistratur Ġenerali li jista', wara li jkun immarka kif suppost dak iċ-ċertifikat jew *endorsement*, jagħtih lura lid-detentur tiegħu.

Jinżamm *record* mir-Registratur Ġenerali.

12. (1) Ir-Registratur Ġenerali għandu jżomm *record* ta' kull ċertifikat u *endorsement* maħruġ taħt dawn ir-regolamenti u ta' kull wieħed invalidat, sospiż, kanċellat jew mibdul u ta' kull ħaġ'oħra li tkun tolqot dawk iċ-ċertifikati jew *endorsements*.

(2) Ir-Reġistratur Ġenerali għandu jagħmel disponibbli tagħrif fuq l-istat ta' ċertifikati jew *endorsements* maħruġin taħt dawn ir-regolamenti lil Msieħba oħra fil-Konvenzjoni STCW u lil kumpanniji li jkunu qegħdin jitolbu tagħrif għall-għanijiet tal-paragrafu 4.2 tar-regolament I/9 tal-Konvenzjoni STCW.

Hwejjeġ li m'hemm xejn provdut dwarhom f'dawn ir-regolamenti.

13. Kull ħaġa li jkollha x'taqsam ma' ċertifikati u *endorsements* GMDSS u li ma jkun hemm xejn dwarha provdut f'dawn ir-regolamenti għandha tiġi regolata bid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni STCW jew tal-Kodiċi STCW skond ma jista' jkun il-każ.

Revoka u riservi. A.L. 67 ta' l-1974.

14. (1) Ir-Regoli ta' l-1974 dwar Ċertifikati ta' Operaturi tat-Telegrafija mingħajr Fili, huma b'dawn imħassrin:

Iżda ċertifikat li jkun inħareġ taħt dawk ir-regoli għandu jibqa' validu bħallikieku dan kien inħareġ taħt dawn ir-regolamenti sa l-1 ta' Frar, 2005, b'dan illi dan ma jkun validu f'ebda każ għal servizz fuq vapuri tal-passiġġieri u fuq bastimenti li jġorru l-merkanzija ta' 300 tunnellata gross u iktar:

Iżda wkoll, f'kull kaz dak iċ-ċertifikat isir invalidu, u ma jkunx jista' jiġi validat mill-ġdid, jekk id-detentur tiegħu ma kienx ħadem fuq il-baħar bħala operatur tar-radju għal żmien ta' aktar minn sentejn.

A.L. 26 ta' l-1995.

(2) Is-subparagrafu (a) tal-paragrafu 1 tal-Partita I ta' l-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti ta' l-1995 dwar id-Drittijiet (Telegrafija Mingħajr Fili), għandu jiġi mħassar.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 2)

Drittijiet li jitħallsu lir-Reġistratur Ġenerali f'dak li jirrigwarda dawn ir-Regolamenti

	Lm
A. Ħruġ ta' Ċertifikat GMDSS jew ta' ċertifikat ta' *endorsement* b'għarfien ta ċertifikat ta' GMDSS barrani	50
Ħruġ mill-ġdid jew validament mill-ġdid ta' Ċertifikat GMDSS jew ta' ċertifikat ta' *endorsement*	25
Eżami għall-ħruġ, ħruġ mill-ġdid, jew validament mill-ġdid ta' Ċertifikat GMDSS	50
Eżami u ħruġ jew ħruġ mill-ġdid ta' Ċertifikat RT (VHF biss) jew ta' ċertifikat ta' *endorsement* b'għarfien ta' ċertifikat RT (VHF biss) barrani	25

B. Il-Ministru jista', taht dawk il-kundizzjonijiet li huwa jqis xierqa, jeżenta lil kull persuna jew klassi ta' persuni mill-ħlas tad-drittijiet kollha jew ta' parti mid-drittijiet li jkollhom jithallsu skond dawn ir-regolamenti.

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 4)

Speċifikazzjoni ta' l-inqas *Standard* t'għarfien, fehma u profiċjenza għal Operaturi ta' RT (VHT biss)

Għarfien ġenerali dwar ir- radju	– Kapaċitajiet u limitazzjonijiet ta' radjutelefoni bi frekwenza marittima VHF, inklużi distanzi tipici ta' komunikazzjoni – Karatteristiċi tat-tipi differenti ta' radjutelefoni VHF disponibbli u l-vantaġġi ta' fattizzi speċjali bħalma huma *dual watch* u *selcall*
Allokazzjoni ta' kanali fuq il-Frekwenza Mobbli Marittima VHF	– Diffikultà, sikurezza u sejħiet – Bejn vapur u ieħor – Operazzjonijiet fil-port – Ċaqlieq ta' bastimenti – Sikurezza ta' inġenji żgħar
Użu ta' radjutelefon VHF	– Funzjoni ta' kontrolli għall-utent, inkluzi: *press to transmit switch*; *high/low power switch*; kontroll ta' volum; *squelch control; channel selector switch* u *dual watch control*
Proċedura bil-vuċi u dixxiplina bir-radju	– Alfabet fonetiku għall-ittri u pronunzja fonetika tan-numri bl-Ingliż – Tifsir u użu korrett ta' dawn is-sinjali li ġejjin: *All after; All before; Correct; Correction; In figures; In letters; I say again; I spell; Out; Over; Radio check; Read back; Received; Say again; Station calling; Text; Traffic; This is; Wait; Word after; Word before; Wrong* – Użu korrett ta' *callsigns* – Proċedura sabiex tiġi stabbilita komunikazzjoni fuq kanali bejn vapur u ieħor, korrispondenza pubblika, il-sikurezza ta' inġenji żgħar u operazzjonijiet fil-port u ċaqlieq ta' bastimenti – Proċedura għal sejħiet li jibqgħu ma jingħatawx tweġiba jew li jkunu mħawdin – Kontroll ta' komunikazzjonijiet – Tipi ta'sejħiet u tipi ta' messaġġi li huma pprojbiti – Proċedura għal *test calls*
Diffikultà	– Regoli dwar kif għandha tintbagħat sejħa u messaġġ ta' diffikultà u dwar l-użu korrett u t-tifsira tas-sinjal *mayday* – Format korrett ta' sejħan u messaġġ ta' diffikultà inkluzi l-metodi ta' kif għandha tiġi indikata l-pożizzjoni u dak it-tagħrif ieħor dettaljat li għandu jingħata

	– Kontroll ta' komunikazzjonijiet waqt li tkun qed issir ħidma li jkollha x'taqsam ma' xi diffikultà inkluz l-użu korrett u t-tifsir tas-sinjali: *Seelonce mayday; Seelonce distress; Prudonce and Seelonce Feenee*
	– Tifsir u użu korrett tas-sinjal *Mayday Relay*
	– Obbligu li jiġi rikonoxxut messaġġ ta' diffikultà, l-għamla korretta ta' kif dan għandu jiġi rikonoxxut u l-azzjoni li għandha tittieħed wara dak ir-rikonnoximent
Urġenza	– Regoli dwar it-trasmissjoni ta' messaġġ ta' urġenza u dwar l-użu korrett u t-tifsir tas-sinjal *Pan Pan*
	– Proċedura dwar kif jinkiseb parir mediku urġenti permezz ta' stazzjon tar-radju mill-kosta u l-użu korrett tas-sinjal *Pan Pan Medico*
Sikurezza	– Regoli dwar it-trasmissjoni ta' messaġġ ta' sikurezza u dwar l-użu korrett u t-tifsir tas-sinjal *Securite*
Korrispondenza pubblika	– Proċedura għal *link calls*
	– Proċedura għal sejħiet lil bastimenti minn stazzjonijiet tar-radju mill-kosta
Regolamenti u dokumentazzjoni	– Htiġiet għal Licenza ta' Radju fuq Bastiment
	– Regolamenti li jirrigwardaw segretezza ta' korrispondenza
	– Regolamenti li jirrigwardaw il-kontroll tat-tħaddim ta' tagħmir tar-radju mid-detentur ta' ċertifikat ta' kompetenza idoneju u awtorità li jopera
	– Regolamenti li jirrigwardaw il-*logbook* tar-radjutelefonija
	– Direttivi u struzzjonijiet li jirrigwardaw l-użu tar-radjutelefonija VHF e.g.: *Danger in the use of VHF radio in collision avoidance, Carriage of EPIRBs, Misuse of VHF radio channels, Radiotelephone distress procedure, Standard marine vocabulary*

IT-TIELET SKEDA

(Regolament 5)

Dikjarazzjoni dwar segretezza ta' korrispondenza

Jien, ...niddikjara solennement u sinċerament illi ma nwassal lil ebda persuna b'mod mhux xieraq is-sens ta' ebda messaġġ li jien nista' nibgħat jew nirċievi permezz ta' xi Apparat tat-Telegrafija mingħajr Fili mħaddem minni jew li nista' nsir naf bih minħabba t-tħaddim ta' l-imsemmi apparat telegrafiku.

Data .....

Firma tad-Dikjarant.....

Firma tax-Xhud.....

Indirizz.....

.....

.....

Numru tat-Telefon .....

Kariga * .....

*Ix-xhud għandu jkun Reġistratur tal-Bastimenti Maltin, Kummissjunarju b'setgħa li jaghti Ġurament, Uffiċjal Konsulari Malti, Avukat jew Nutar Pubbliku f'Malta jew kull persuna oħra li Reġistratur Ġenerali jista' jaċċetta.